Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2025/2030

22.12.2025

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2030

tad-9 ta' Ottubru 2025

li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jispeċifika l-għadd u t-titlu tal-varjabbli ta' tmien snin dwar "organizzazzjoni tax-xogħol u arranġamenti tal-ħin tax-xogħol" u dwar "aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u problemi tas-saħħa relatati max-xogħol" fid-dominju tal-forza tax-xogħol

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2019/1700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Ottubru 2019 li jistabbilixxi qafas komuni għall-istatistika Ewropea relatata ma' persuni u unitajiet domestiċi, abbażi ta' data fuq livell individwali miġbura minn kampjuni, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 808/2004, (KE) Nru 452/2008 u (KE) Nru 1338/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1177/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 577/98 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 6(1) tiegħu,

Billi:

Biex jiġu koperti l-ħtiġijiet identifikati fis-suġġetti dettaljati "organizzazzjoni tax-xogħol u arranġamenti tal-ħin tax-xogħol" u "aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u problemi oħra tas-saħħa relatati max-xogħol" fid-dominju tal-forza tax-xogħol, jeħtieġ jiġu speċifikati l-għadd u t-titlu tal-varjabbli ta' tmien snin għas-settijiet tad-data dwar dawk is-suġġetti dettaljati,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-għadd u t-titlu tal-varjabbli ta' tmien snin għas-settijiet tad-data fid-dominju tal-forza tax-xogħol relatati mas-suġġetti dettaljati "organizzazzjoni tax-xogħol u arranġamenti tal-ħin tax-xogħol" u "aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u problemi tas-saħħa relatati max-xogħol" għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ottubru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

([1]) ĠU L 266I, 14.10.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1700/oj.

ANNESS

L-għadd u t-titlu tal-varjabbli ta' tmien snin fid-dominju tal-forza tax-xogħol dwar is-suġġetti dettaljati "organizzazzjoni tax-xogħol u arranġamenti tal-ħin tax-xogħol" u "aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u problemi tas-saħħa relatati max-xogħol" huma kif ġej:

Suġġett	Suġġett dettaljat	Identifikatur tal-varjabbli	Isem il-varjabbli
Kundizzjonijiet tax-xogħol inkluż sigħat tax-xogħol u arranġamenti tal-ħin tax-xogħol - *10 varjabbli miġbura*	Organizzazzjoni tax-xogħol u arranġamenti tal-ħin tax-xogħol	FREEHOUR	Libertà li wieħed jieħu sigħat franki
		FREELEAV	Libertà li wieħed jieħu l-liv
		FLEXWT	Flessibbiltà mistennija fil-ħinijiet tax-xogħol
		AVAIFREE	Disponibbiltà għax-xogħol fil-ħin liberu
		RECHOURS	Reġistrazzjoni tal-preżenza jew tas-sigħat tax-xogħol
		PRESSURE	Xogħol bi pressjoni tal-ħin
		JOBAUTON	Awtonomija tal-impjieg
		PLACEWK	Post tax-xogħol prinċipali
		COMMUTM	Ħin tal-ivvjaġġar bejn id-dar u x-xogħol u lura
		OTHERLOC	Xogħol f'postijiet oħra
Saħħa: status tas-saħħa u diżabbiltà, aċċess għall-kura tas-saħħa, id-disponibbiltà u l-użu tal-kura tas-saħħa, u determinanti tas-saħħa - *11-il varjabbli miġbur*	Aċċidenti fuq il-post tax-xogħol u problemi tas-saħħa relatati max-xogħol	ACCIDNUM	Għadd ta' aċċidenti fuq il-post tax-xogħol fl-aħħar 12-il xahar
		ACCIDTYP	Tip ta' aċċident fuq il-post tax-xogħol
		ACCIDJOB	Impjieg relatat mal-aċċident
		ACCIDBRK	Durata tal-assenza mix-xogħol minħabba l-aċċident fuq il-post tax-xogħol
		HPROBNUM	Għadd ta' problemi tas-saħħa relatati max-xogħol fl-aħħar 12-il xahar
		HPROBTYP	Tip tal-aktar problema tas-saħħa serja relatata max-xogħol
		HPROBLIM	Problema tas-saħħa li tillimita l-attivitajiet ta' kuljum
		HPROBJOB	Impjieg relatat mal-problema tas-saħħa
		HPROBBRK	Durata tal-assenza mix-xogħol minħabba problema tas-saħħa marbuta max-xogħol
		PHYSRISK	Esponiment għal fatturi tar-riskju għas-saħħa fiżika
		MENTRISK	Esponiment għal fatturi tar-riskju għall-benesseri mentali